MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 596/2000/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta’ Marzu 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta’ Settembru 1974, fil-Knisja Parrokkjali ta’ Hal-Safi;

Illi l-kontendenti sseparaw *“de facto”* f’ Jannar 1975, u cioe` xi erba’ xhur wara l-imsemmija data taz-zwieg u sussegwentement sseparaw legalment bis-sahha ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppublikat fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat l-14 ta’ Dicembru 1976;

Illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-partijiet ma’ kellhomx id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew *stante* li kien hemm anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta’ Settembru 1974, fil-Knisja Parrokkjali ta’ Hal-Safi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’ dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas- subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokument a fol. 3 *et seq* tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta B datata 5 ta’ Ottubru 2000, a fol. 11 tal-process fejn eceppiet bir-rispett:-

1. Illi z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti huwa validu;

2. Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg bl-ebda mod ma kien vizzjat b’anomalija psikologika li taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, jew b’ difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi l-kunsens tal-konvenuta kien genwin u awtentiku u mhux simulat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta B u l-lista tax-xhieda a fol. 11 u fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imahallef Noel Arrigo datat 8 ta' Novembru 2000, fejn l-attur talab li jigi awtorizzat jipprezenta x-xhieda tieghu permezz tal-affidavit.

Rat in-nota tal-attur **A** datata 9 ta' April 2001, a fol. 15 li permezz taghha pprezentat l-affidavit **tieghu**.

Rat ir-rikors tal-attur datat 17 ta' April 2001, a fol. 19, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzah jipproduci lil Dominku Chetcuti u Bsive Polly Fenech bhala xhieda tieghu u dan minkejja l-fatt illi mhumiex ddikjarati fil-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal datat 19 ta' April 2001, fejn il-Qorti diversament presjeduta fir-rigward tar-rikors tal-attur datat 17 ta' April 2001, ordnat li dan jigi notifikat lill-kontro-parti b' gimgha zmien ghar-risposta. Il-Qorti nominat lil Dr. Deborah Farrugia biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat ir-risposta tal-konvenuta B datata 17 ta' Mejju 2005, a fol. 22, ghar-rikors tal-attur datat 17 ta' April 2001.

Rat id-digriet datat 25 ta' Mejju 2001, a fol. 23, fejn il-Qorti hekk diversament presjeduta rriservat li tipprovdi fis-seduta li kien imiss.

Rat in-nota attrici datata 19 ta' April 2001 fejn l-attur rega' pprzenta l-affidavit tieghu li huwa l-istess wiehed pprezentat b'nota tad-9 ta' April 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Settembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Novembru 2001 *stante* li l-Imhallef sedenti kien indispost.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 22 ta’ Frar 2002, fejn b’ ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-22 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Mejju 2002, fejn il-Qorti kif attwalment presjeduta fil-kuntest tar-rikors tal-attur datat 17 ta’ April 2001, laqghat it-talba. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia biex tiffissa 2 seduti ghall-konkluzzjoni provi attrici sa l-ahhar ta’ Gunju 2002. Inghata digriet affidavit tal-konvenuta b’ terminu ta’ 40 gurnata mill-ahhar ta’ Gunju 2002.

Rat ir-rikors tal-attur A datat 28 ta’ Mejju 2002, a fol. 43, fejn talab lil din il-Qorti biex tordna l-Perit Legali tigbor ix-xhieda ta’ Duminku Chetcuti u Polly Fenech mir-residenza msemmija fl-istess rikors jew tinnomina Imhallef Supplenti u dan ghall-ahjar andament ta’ din il-kawza.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Mejju 2002, fejn il-Qorti laqghat it-talba u nnominat l-Imhallef Supplienti li lilu kien imiss it-turn sabiex jisma’ tali xhieda.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Victor Borg Grech, Imhallef Supplenti, datat 21 ta’ Ottubru 2002, a fol. 50, fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha tezentah mill-inkariku lilu moghti bid-digriet tad-29 ta’ Mejju 2002.

Rat id-digriet datat 22 ta’ Ottubru 2002, a fol. 51, fejn il-Qorti cahdet it-talba b’dan li l-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia kellha mmedjatament tghaddi l-process lill-Imhallef Supplenti ghall-iskop indikat, u tordna n-notifika ta’ dan id-digriet lil l-istess Perit Legali.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Novembru 2002. Id-difensuri tal-partijiet infurmaw lil Qorti li kien ghad jonqos biss li jinstemghu 2 xhieda quddiem l-Imhallef Supplenti u Dr. Deborah Farrugia npenjat ruhha li tghaddi l-process lill-Imhallef Supplenti.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Marzu 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia nfurmat lil Qorti li l-provi kienu maghluqa.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Mejju 2003, fejn il-Qorti revokat l-inkarigu tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia datat 14 ta’ Mejju 2003, a fol. 57, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha *tirrevoka contrario* imperio d-digriet taghha tat-8 ta’ Mejju 2003 fejn gie revokat l-inkarigu taghha u joghgobha tirrintegraha fl-inkarigu ta’ Perit Legali sabiex tkun tista’ tipprezenta r-rapport taghha fit-12 ta’ Gunju 2003.

Rat id-digriet datat 15 ta’ Mejju 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba, rrintegrat lir-rikkorenti bhala Perit Legali b’dan li r-rapport kellu jigi pprezentat fit-12 ta’ Gunju 2003 u ordnat lil Perit Legali Dr. Deborah Farrugia biex tinnotifika tali digriet lid-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Novembru 2003, fejn il-kawza giet differita ghar-rapport u fin-nuqqas li dan jigi pprezentat, l-inkarigu tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia kellu jigi revokat.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Jannar 2004, fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Marzu 2004, fejn il-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia nfurmat lil Qorti li kienet ser tipprezenta r-rapport dak inhar.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia fit-23 ta’ Ottubru 2001, fil-5 ta’ Dicembru 2001, fl-4 ta’ Marzu 2002 fejn ma’ sar xejn hlief verbali; tat-22 ta’ Mejju 2002 fejn xehdet B, fl-4 ta’ Gunju 2002, fejn regghat xehdet il-konvenuta, fl-24 ta’ Gunju 2002 fejn kompliet tixhed il-konvenuta, fit-2 ta’ Lulju 2002 fejn xehdet il-konvenuta in kontro-ezami, fis-17 ta’ Lulju

2002 fejn xehed l-attur in kontro-ezami, fl-24 ta’ Settembru 2002 u fit-30 ta’ Ottubru 2002 fejn kompla jixhed l-attur in-kontro-ezami, minn fol. 65 sa fol. 85.

Rat in-nota tal-Imhallef Supplenti Dr. Victor Borg Grech, datata 14 ta’ Frar 2003, a fol. 103.

Rat is-seduta mizmuma fit-23 ta’ Jannar 2003 quddiem Dr. Victor Borg Grech fejn xehdet Bsive Polly Fenech.

Rat il-verbal datat 13 ta’ Mejju 2004, fejn Dr. Deborah Farrugia halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia minn fol. 109 sa fol. 132.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Ottubru 2004 fejn il-kawza giet differita ghal l-istess skop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Marzu 2005, fejn Dr. Tanya Sammut irrimettiet ruhha ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2005.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJI

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur ipprezenta x-xhieda tieghu permezz ta’ affidavit fejn jghid li kien ltaqa mal-konvenuta meta huwa kellu hmistax-il sena u l-konvenuta kellha tlettax-il sena. Huma kienu dejjem johorgu ma’ hut il-kontendenti. Damu johorgu flimkien ghal xi sena u nofs imbaghad kienu ggieldu ghal sentejn. Il-partijiet kienu hassru ghaliex il-konvenuta kienet qalet li kienet iddejjqet tohrog mal-attur.

Illi fl-1972 meta l-attur kellu ghoxrin sena kien mar fuqu hu l-konvenuta, Emanuel Caruana u tah ittra fejn fiha l-

konvenuta wriet ix-xewqa illi terga' tibda tohrog mieghu. Jghid li huma regghu bdew johorgu flimkien u damu gharajjes ghal sentejn. Jirrakonta li wara x-xoghol huwa kien immur id-dar tal-konvenuta u xi tlett darbiet jew darbtejn fil-gimgha ma kienx isibiha hemm. Ommha kienet tghidlu li baqghet xoghol bhala *babysitter* wara x-xoghol taghha ta' seftura. Rigward ir-relazzjoni sesswali taghhom, l-attur jghid li huma qatt ma kellhom relazzjoni sesswali qabel iz-zwieg. L-ewwel darba li kkonsmaw z-zwieg kien gimgha wara z-zwieg. Din kienet l-ewwel u l-ahhar darba ghaliex il-konvenuta qatt ma kellha aptit u kinitx thallih.

Illi l-istess attur sostba li gimghatejn wara z-zwieg il-konvenuta kienet stidnet lil ohtha Guza u l-gharus taghhha, Leonard Grima. L-attur kien oggezzjona ghaliex Guza kellha reputazzjoni li tohrog ma' hafna guvintur. Gimgha wara l-konvenuta, minghajr ma kkonsultat mieghu qalet lil Guza sabiex tigi toqghod maghhom bl-iskuza sabiex tghin lill-konvenuta. L-attur ma kienx qabel izda Guza baqghet hemm ghal xahrejn. Hija kienet torqod fl-art fil-kamra tal-ikel. Qal li f' Novembru 1974, cioe` xahrejn wara z-zwieg, huma kellhom l-ewwel glieda. L-attur kien mar id-dar fejn sab lill-konvenuta u lil ohtha Guza. Il-konvenuta bdiet tibki u qaltlu li hija *"kienet mieghi bil-fors u li kienu gaghluha tizzewweg minghajr ma qaltli minn kien gaghlha u qaltli wkoll illi l-ewwel tarbija ma kinitx ser tkun tieghi."* Dak il-hin Guza kienet prezenti.

Illi l-istess attur ittenni li wara x-xoghol huwa kien immur id-dar u hafna drabi l-konvenuta ma kinitx tkun hemm. Meta hija tirritorna kienet tghid li marret ghand ommha. Lanqas ikel ma kien isib. Hija kienet tirrifjuta li jkollha mumenti intimi mal-attur. F' Dicembru 1974 il-konvenuta infurmatu li kienet kecciet lil ohtha mid-dar taghhom. Huwa pero' jghid li ftit granet wara huma kienu reqdin ghand omm il-konvenuta u waqt il-lejl hija qalet *"Leonard ghamililna"*. Meta staqsa lill-konvenuta hija rrifjutat tkellmu fuq il-kwistjoni. Dak inhar Guza infurmat lill-attur li xtaqet tkellmu izda mhux fid-dar ta' ommha. Ghalhekk ftehmu li jiltaqghu l-Belt. Huwa mar jiltaqa' ma' Guza, oht il-konvenuta fejn hija infurmatu li kienet hassret ir-

relazzjoni taghha minn ma’ Leonard minhabba l-konvenuta. Hija spjegatlu li meta kienet tghix id-dar taghhom darba rat lill-konvenuta taghmel sinjal mit-tieqa lil xi hadd u x’hin marret tara min kien sabet lil Leonard. Guza kienet illitikat mal-konvneuta izda qaltilha sabiex ma’ tghid xejn b’ dan lill-attur. Guza qaltlu ukoll li ftit qabel ma bdiet tohrog mal-attur, il-kovenuta kien sejjer ikollha tarbija ta’ certu Edward. Il-konvenuta kienet korriet.

Illi l-attur kompla jixhed li minn hemm huwa kellu relazzjoni intima ma’ Guza ghal jumejn. Il-konvenuta kienet saret taf b’dan. Darba meta rritorna d-dar hija ma kinitx hemm. Kienet marret ghand ommha. Hija giet lura d-dar izda ghal gimgha shiha hija kienet gabet lil xi hadd minn hutha jorqdu fis-sodda maghhhom. Hija ma kinitx tkellmu u lanqas thares lejh. Wara gimgha l-konvenuta telqet mid-dar ghal kollox minghajr ma avzatu. Hija marret ghand ommha u hu kien mar, flimkien ma’ missieru sabiex ikellmuha. L-attur kien hemm ammetta li kellu relazzjoni ma’ Guza. Hija ma ridtx taf. Huwa dak inhar stess kien informa lil Guza li kien ammetta r-relazzjoni tieghu maghha. Baqa’ jghix fid-dar matrimonjali ghal sitt xhur imbaghad mar jghix mal-genituri tieghu. Il-konvenuta qatt ma marret lura d-dar.

Illi l-attur isostni li xi zmien wara kienet kellmitu certu Polly Fenech, li qabel dak inhar ma kienx iltaqa’ maghha. Din qaltlu li hija kienet *nurse* mal-mara ta’ certu Dominku Chetcuti u hija kienet toqghod maghhom: *“Hija qaltli ukoll illi kienet giet tinfurmani illi waqt l-eghrusija tieghi mal-konvenuta, B kellha relazzjoni ma’ dan Dominku Chetcuti. Hija nfurmatni wkoll illi meta kienet saret taf dwar il-fatt illi B kienet ser tizzewwigni hija marret ghand il-Kappillan ta’ Hal Safi sabiex tavzah dwar dan. Hija kienet qaltli illi l-konvenuta kienet sahansitra riedet tqieghed lil Dominku Chetcuti bhala xhud pero’ hija kienet ghamlet minn kollox biex tevita dan.”*

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Lulju 2002 l-attur xehed in kontro-ezami u jghid li wara z-zwieg kellu relazzjoni ma’ Guza u dana xi xaharejn wara z-zwieg. Apparti Guza huwa ma kellu ebda relazzjoni ma’ mara ohra. Jghid li fl-opinjoni

tieghu l-gherusija kienet normali. Huwa ma kellux suspetti fuq il-konvenuta meta kienet tahdem ta' *babysitter*. Bdew jidhlu s-suspetti fuqa meta wara z-zwieg giet tghix maghhom ohtha Guza u l-gharus taghha, Leonard, li kien jigi ghandhom kuljum. Huwa kellu suspetti fuq il-konvenuta u Leonard ghaliex kien isibhom d-dar meta Guza ma kinitx tkun hemm. Dwar ir-relazzjoni sesswali tal-partijiet jghid li huma kellhom x'jaqsmu darba wahda biss u mhux b'mod normali. Jghid li huma damu mizzewgin minn Settembru sa Dicembru meta imbaghad il-konvenuta telqet mid-dar.

Illi huwa jsostni li huma kellhom x'jaqsmu f'Ottubru ghaliex fl-ewwel gimgha meta zzewwgu l-konvenuta kienet ma tiflahx u ghalhekk kellhom x'jaqsmu fit-tieni gimgha taz-zwieg. Il-konvenuta fil-fatt harget tqila u weldet fl-4 ta' Settembru 1975. Din it-tarbija li jisimha Marija jghid li mhiex tieghu. Huwa qatt ma ra lil din it-tifla hlief xi sentejn ilu fic-cimiterju pero' qatt ma' tkellmu u ma nafx jekk hija tafx min hu. Fis-separazzjoni huwa gie mitlub ihallas Lm 4 fil-gimgha bhala manteniment ghat-tifla. Huwa dejjem hallas. Qatt ma' ghamel kawzi sabiex jikkontesta l-paternita'.

Illi l-istess attur jirrakonta li:-

*"Dwar Guza nghid li grat hekk: kien is-Sibt wara nofsinhar u dhalt mix-xoghol. Polly kienet qed tibki u qaltli li zzewgitni bil-fors ghax gieghluha, l-ewwel tarbija mhix sejra tkun tieghi, u li kienet mieghi bil-fors. Dak il-hin kien hemm ohtha Guza. Din grat xahar wara z-zwieg. Bma riditx tghidli min gieghlha tizzewweg. Wara morna ghand ommha. L-ghada Guza qaltli li riedet tkellimni izda mhux fid-dar u ftehmna li nitlaqghu l-ghada l-Belt. It-tnejn filghodu jiena u Guza ltqajna l-Belt u morna naraw film. Guza riedet tghidli li Bqabel ma' zewget kienet 'pregnant' u li kull filghodu wara li jiena u Guza nohorgu ghax-xoghol kien jigi Leonard, li ma kienx jahdem, u joghqod ma' Pauline. Qaltli li kienet tilfet it-tarbija. Wara t-talkies morna San Anton imbaghad morna d-dar. Guza il-hin kollu tghidli x'kienet taghmel Polly meta jiena kont inkun ix-xoghol. Jiena kont li naf lil Guza meta dhalt gharus id-dar ma'*

*Polly. Qatt ma kelli kunfidenza jew grazzja maghha. Imma dik il-gurnata wara li qaltli l-affarijiet li kienet qed taghmel Polly u peress li ma kontx ikolli x'naqsam ma' Polly sesswalment, jiena waqajt ghat-tentazzjoni u kellna relazzjoni sesswali f'dik il-gurnata. It-tnejn li ahna ridna li naghmlu l-att sesswali*.... *Jiena u Guza darbtejn kellna x'naqsmu- dik id-darba d-dar u darba ohra wara li saret taf Polly."*

Illi dwar r-relazzjoni sesswali tal-kontendenti: ***"****Waqt l-gherusija qatt ma kellna x'naqsmu. Jiena ghalija s-sess isir wara z-zwieg. Ahna konna morna l-kors ta' Kana qabel iz-zwieg u tkellimna fuq ir-relazzjoni sesswali. Wara z-zwieg jiena kont inkellem lil Polly dwar ir-relazzjoni sesswali taghna. Hija kienet tghidli li ma tridnix u ma nindahalx****."***

Jghid li lill-konvenuta kien qalilha bis-suspetti tieghu fuq Leonard. Hija dejjem cahdet. Huwa qatt ma ra xejn. Guza kienet biss rat lill-konvenuta taghmel xi sinjal. Jghid li Guza kienet qaltlu li qabel iz-zwieg il-konvenuta harget tqila minn certu Edward. Jghid: ***"****Dan gie kkonfermat minn ommha (wara li sseparajna). Dan Lawrence Bonnici kont mort inkellmu fuq il-problemi matrimonjali taghna u huwa kien cempel lil omm Polly u hija kkonfermat li Polly kienet harget tqila minn dan Edward qabel iz-zwieg u lili hadd ma qalli.****"***

In ri-ezami l-attur jghid li dwar r-relazzjoni tal-konvenuta ma' Dominic Chetcuti sar jaf biha xi 6 xhur wara li sseparaw meta kienet giet Polly Fenech id-dar ghand ommu u qaltlu li l-konvenuta kienet ilha ma' Duminku minn xi sentejn qabel ma zzewgu. Dwar dan huwa jghid:-

*"Polly kienet qaltli li Duminku kien sejjer ikun xhud xi gimgha qabel it-tieg. Jien ma kontx nafu. Hija qaltli li kien marixxal il-Qorti. Imbaghad hija kellha xhud iehor u ma qaltlix ghaliex inbidlet Polly Fenech wara li Polly riedet lil Duminku xhud u hija Polly Fenech li ma hallitux. Polly kienet dejjem ma' Duminku meta konna nigu l-Qorti sabiex nisseparaw. Polly telqet mid-dar f'Jannar 1975 u l-kawza bdiet dik is-sena stess u Duminku kien dejjem*

*maghha l-Qorti… Jiena meta nigi l-Qorti kont dejjem nara lill-konvenuta ma' Duminku Chetcuti u dana b'certu kunfidenza bhala jzommu jdejn xulxin hergin minn xi kawza u jitkellmu minn taht l-ilsien.***"**

Illi fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2002 kompla jixhed l-attur in kontro-ezami. Jghid: ***"****Jiena bdejt nissuspetta li kellha lil xi hadd minhabba l-imgieba taghha. Qabel iz-zwieg kont ninzel ghand ommha u lill-konvenuta ma kontx insibha d-dar u hija ma tkunx qaltli li dakinhar sejra tahdem ta' babysitter. Jien dejjem fdajtha, pero' imbaghad bdejt nahseb li tahbi xi haga minni. Wara kont nistaqsiha u hija kienet tghidli li kienet babysitting***.** *Jiena b'dawn is-suspetti xorta ddecidejt li nizzewwigha izda ma kontx naf kemm kienet imhawda l-borma. Infatti l-konvenuta ghamlet id-data taz-zwieg u hija kienet gennitni sabiex nizzewgu. Jien m'accettajtx mal-ewwel u hija qaltli kemm-il darba. Lanqas post ma kellna fejn noghqodu. Jiena accettajt li nizzewweg wara xi tlett darbiet li staqsieni. Jiena kont inhobbha u accettajt***."**

Illi fir-re-ezami l-attur esebixxa l-kuntratt tas-separazzjoni sabiex juri r-rinunzja tal-konvenuta ghall-manteniment u dwar nuqqas ta' stipulazzjoni t'access tat-tifla u manteniment. Fil-fatt lanqas biss imsemmija t-tifla fir-rigward ta' drittijiet tieghu. Huwa kien sar jaf bit-tarbija li twieldet permezz ta' l-avukat tieghu dak iz-zmien Dr. Joseph Galea Debono, llum l-Onorevoli Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2002 xehdet il-konvenuta in subizzjoni u tghid: ***"****Jiena u Aizzewwigna fil-21 ta' Settembru 1974. Ahna wara erba' xhur isseparajna de facto ghaliex kont qbadtu ma' ohti. Jiena ma rajthomx pero' huma kienu ammettew. Jiena ma nafx jekk din ir-relazzjoni ma' ohti kinitx bdiet qabel iz-zwieg. Naf li ftit wara li zzewwigna ohti Guza kienet giet toghqod maghna pero' ma nafx kemm wara z-zwieg. Hija giet sabiex tiehu hsiebi ghaliex kont inhossni ma niflahx ghax hsibt li kont tqila***."**

Illi hija tghid li miz-zwieg taghhom kellhom tifla Maria illi llum ghandha 26 sena. Meta sseparaw *de facto* f'Jannar 1975 hija kienet xaharejn tqila. La hija u lanqas l-attur ma kien jaf li kienet tqila. Tixhed:-

***"**Jiena kont bdejt nohrog ma' certu Duminku Chetcuti wara li sseparajt minn mar-ragel. Jiena u Dominic kellna tifel Victor li llum ghandu 21 sena. Jien u Dominic m'ghadniex flimkien. Meta Victor kellu sena u tlett xhur ahna nfridna. Nghid li wara xi tlett snin minn meta infridt minn A bdejt relazzjoni ma' Dominic liema relazzjoni damet madwar tlett snin. Jiena infridt minn ma' Dominic ghaliex huwa kellu relazzjoni ma' BFenech**."***

Illi hija tixhed*: "Jien ghalija z-zwieg taghna kien tajjeb u ghadni dispjacuta sal-lum. Jien kont ilni ma' Axi tmien snin qabel ma zzewwigna. Nghid pero' li f'dawn it-tmien snin ghamilna sena ma nohorgux flimkien u Afil-frattemp kien hareg ma' ohti l-ohra, illum mejta Jane Zahra**."***

Illi fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2002 il-konvenuta kompliet tixhed: ***"**Dwar ohti Jane nghid li Akien ghamel xi zmien johrog maghha u kien anke dahal gharus ghandna. Jien dak iz-zmien ma kontx nohrog mieghu izda kien jigi d-dar minhabba ohti. Naf illi damu xi sena flimkien**."***

Illi l-konvenuta tghid li ma tiftakarx kif il-partijiet kienu rrangaw. Tiftakar li ohtha ggieldet mieghu. Tahseb li grat xi erba' snin minn meta bdiet tohrog mieghu. Kienu jiggieldu spiss izda ma kienx fit-tul. Huwa ma kienx juri li ma jhobbnix. Dwar ir-relazzjoni sesswali tal-partijiet tghid li huma kellhom relazzjoni intima fit-tieni gimgha. Tghid li hija harget tqila bit-tifla Maria xaharejn wara z-zwieg. Huma sseparaw erba' xhur wara z-zwieg. Tghid li huma kellhom x'jaqsmu regolarment tul l-erba' xhur ta' zwieg, hlief fl-ahhar meta saret taf li kien qed johrog m'ohtha Guza. Tghid li Guza kienet kixfet quddiem missierha li hija kellha relazzjoni mal-attur. Hija kienet waqfet tkellem lil ohtha Guza. Illum pero' hija ma tiflahx u ghalhekk iccempillha biex tara kif qed thossha. Tixhed hekk:-

**"***Meta staqsejt lil Aghalfejn kien ghamel hekk, huwa kien qalli li ma riedx jizzewweg lili izda lil ohti Guza. Kien izzewwigni bhala vendikazzjoni izda ma nafx ghaliex qal hekk. Akien jghid li ohti Guza kienet 'qahba' u dana meta jiena u Akonna ghadna gharajjes. Guza kienet ftit fuq taghha***.** *Jiena qatt ma ssuspettajt fuq Au Guza anki qabel iz-zwieg. Jiena naf li darba zgur iltaqghu Au Guza. Ma nafx jekk kienx hemm iktar minn darba ghaliex Guza ta' dik id-darba biss kixfet.***"**

Illi hija tkompli tixhed: ***"****Xi jiem wara jiena kont ghand ommi u Guza kienet kixfet lil Au qaltli li hija u Akienu hargu flimkien. Guza qaltli li xi ftit jien qabel hija u Akienu ftehmu sabiex johorgu flimkien u fil-fatt hekk ghamlu u marru l-Belt u San Anton. Nghid li dik il-gurnata li hargu flimkien, ghalkemm jiena ma kontx ghadni naf bir-relazzjoni, kont cempilt ix-xoghol kemm ta' Au kif ukoll ta' Guza u dawn qaluli li ma kienux dahlu ghax-xoghol. Meta rritornaw lura marru t-tnejn ghand ommi. Nghid li jiena cempilt fuq ix-xoghol ghaliex kelli naqra suspett dwarhom. Nghid li dakinhar meta Au Guza rritornaw it-tnejn ghand ommi, gieni l-ewwel suspett li seta' kien hemm xi haga bejniethom u ghalhekk imbaghad cempilt fuq ix-xoghol taghhom. Qabel dan l-incident ma kelli ebda suspetti dwarhom***.** *Issa nahseb li nista' nghid li ommi qaltli li Au Guza dahlu ghandha flimkien. Nghid ukoll li ommi qaltli li Adahal ifittixni u rrabjajt. Aktar tard jiena mort ghand ommi u hija qaltli b'dana kollu. Wara mort id-dar. L-ghada filghodu jien cempilt fuq ix-xoghol ta' Au Guza u staqsejt jekk kienux dahlu x-xoghol il-gurnata ta' qabel. Fil-fatt ma kienux marru x-xoghol f'dik il-gurnata.***"**

Illi fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2002 kompliet tixhed il-konvenuta u tghid: ***"****Meta kont id-dar kont sibt whisky nieqes; kien hemm tazzi u lumija fuq il-mejda. Kien hemm zewg tazzi. Kien hemm kikkra nieqsa u hemm issuspettajt f'ohti. Hija kienet thobb hafna l-whisky bil-lumi. Il-kikkra ma sibtiex id-dar. Jien dakinhar ghidt lir-ragel li kont sejra nara liz-zija t'ommi Has-Serh. Dan qabel ma mar ix-xoghol. Huwa mar ix-xoghol. Gieli kien jigi lura fl-4:30 pm u gieli kien qed jittardja. Dik l-ewwel darba li mort nara liz-zija. Jiena mort wara nofsinhar.*

*Wara mort id-dar u sibt kollox imqalleb kif spjegajt hawn fuq. Nghid ukoll li s-sodda kienet imqallba. Jiena mort sa xi tlieta jew l-erbgha Has-Serh u xi l-hamsa wasalt id-dar. Ahna gurnata qabel konna irqadna ghand ommi cioe' s-sodda m'uzajnihiex. Filghodu hrigna minghand ommi. Jiena bqajt ghand ommi u huwa mar ix-xoghol. Minghand ommi mort Has-Serh. Kif rajt l-affarijiet mhux f'posthom u kelli s-suspett, jiena mort ghand ommi. Ommi qaltli li Agie ghandha irrabjat ghaliex ma sabnix ghand ommi….Meta gie missieru sabiex ikellimna kien hemm prezenti missieru, jiena u Carmel, missieri u ohti Guza. F'din il-laghqa Guza kienet ammettiet li kienet marret ma' Ail-Belt u San Anton u ghand missieru d-dar. Ma nafx jekk missieru ikkonfermax li marret. Guza qalet ukoll li f'dik il-gurnata kienu marru d-dar tieghi u kellhom x'jaqsmu flimkien. Dak iz-zmien Guza kellha 16-il sena u Akellu 20 sena. Hija qalet, "hija veru li gejt mieghek ghaliex gejt warajk bil-karozza." Af'dik il-laghqa ammetta quddiem kulhadd li kien mar ma' Guza fis-sens sesswali.***"***

Illi l-konvenuta tixhed li wara din il-laqgha l-partijiet marru lura d-dar taghhom. Wara xi zmien hija marret ghand l-avukat Dr.Geoffrey Valenzia (llum l-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia) li ta parir titlaq mid-dar u tiftah kawza ta' separazzjoni. Fil-fatt hekk ghamlet, gabret l-affarijiet taghha u marret tghix m'ommha. Dak iz-zmien ohti Guza ma kinitx tghix hemm. Il-konvenuta marret tghix ma' Duminku Chetcuti wara xi tlett snin tghix ghand ommha.

Illi l-konvenuta tghid li Duminku Chetcuti kien Marixxal il-Qorti u ltqaghet mieghu meta kien gab mandat mill-Qorti ghal ommha Maria Caruana. Wara Duminku kien sab il-file tas-separazjoni taghha. Hija ma kinitx qaltlu li kellha separazzjoni l-Qorti. Tghid: ***"****Jiena kont nafu lil Duminku ghaliex kien sejjer joghqod xhud tieghi fit-tieg. Jien kont naf lil Duminku qabel ma zzewwigt ghaliex kien jigi bil-mandati ghal ommi u jiena kont sejra naghmlu xhud tieghi. Wara Duminku baqa' jigi ghand ommi bil-mandati. Id-dar tieghi ta' Bormla Duminku qatt ma gie. Huwa l-ewwel accetta sabiex joghqod xhud imbaghad qalli le ghaliex Polly Fenech t-tfajla tieghu ma hallietux.****"***

Illi hija tghid li: *"Jiena kont bdejt relazzjoni ma' Duminku xi tlett snin wara li tlaqt nghix ghand ommi. Duminku gie jghix mieghi fid-dar li tani tal-Housing, l-Isla, izda mhux il-hin kollu ghaliex huwa kien ghadu mal-mara Vivienne u wkoll ma' BFenech."*

Illi fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2002 xehdet il-konvenuta u qalet li:-

*"Ahna ghamilna 8 snin gharajjes b'kollox qabel ma zzewwigna izda f'dawn it-8 snin ghamilna sena u nofs mifrudin, meta kien hareg ma' ohti Jane. Wara li bdejna nergghu nohorgu flimkien ghamilna tlett snin qabel ma zzewwigna. Ir-relazzjoni taghna f'dawn l-ahhar tlett snin kienet tajba."*

Illi hija tghid: *"Darba minnhom kien gie Au qalli li ried ikellimni. Huwa qalli ejja nfittxu ha nizzewgu. Jiena peress li kont inhobbu qisni accettajt cioe' accettajt. Akien sab il-post fejn konna sejrin noghqodu. Id-dar hadnieha bejnietna u anki l-ghamara."* Tixhed li hija qatt ma qalet lill-attur li xi hadd kien geghlha tizzewweg malajr u lanqas kien hemm. Tghid li meta zzewgu l-attur beda jissuppervja maghha u johrog 'il barra u jigi lura xi l-10:00 pm.

Illi hija tkompli tixhed: *"Jien rajt lil Domenic l-ewwel darba meta gie ghand ommi bil-mandat u dana kien qabel iz-zwieg. Kellimni l-ewwel darba biss cioe' meta gie bil-mandat ghand ommi. Qabel iz-zwieg jien qatt ma kellimtu hlief f'dik il-gimgha. Mhux jiena ghidtlu sabiex joghqod xhud taz-zwieg tieghi. Ommi kienet qaltlu. Ommi lanqas ma kienet tafu lil dan il-Marixxal Domenic. Kien gie biss id-dar bil-mandat u staqsietu joghqod xhud taz-zwieg tieghi."*

In ri-ezami l-konvenuta tghid: *"Jiena hrigt ma' Domenic wara tlett snin li nfridt ma' Carmel. Jien sirt nafu bil-mandat izda ma kellix kunfidenza mieghu. Gieli kont incempillu wara dawk it-tlett snin li nfridt. Jiena kelli bhala xhud lil wiehed mizzewweg taljana. Dan kien il-principal tax-xoghol tieghi. Jien kont nahdem ta' seftura maghhom. Lil dan staqsejtu wara li Duminku ma kienx accetta fl-ahhar minuti. Ma nafx kemm dam sabiex jiddeciedi jekk*

*joghqodx xhud jew le. Mhux lili kien qal jekk kienx sejjer joghqod xhud. Nahseb li kien qal lil ommi. Nghid li lil huti kollha kien jafhom ghaliex kien jigi d-dar bil-mandat. Jiena darba kont inzertajtu d-dar bil-mandat. Jiena kont dejjem xoghol jigifieri lanqas barra mid-dar ma kont narah.”*

Il-konvenuta tghid: *“Jiena kont naf lil Polly Fenech meta kien semmiha waqt li bdejt nohrog ma’ Duminku u huwa qalli illi kien sejjer johrog ma’ din it-tfajla Polly Fenech mill-Buon Pastur. Jiena sirt naf li Polly Fenech ma riditx lil Duminku joghqodli xhud wara li bdejt nohrog mieghu. Duminku stess kien qalli. Jiena sirt naf ghax qalli Duminku li Polly Fenech kien sejjer johrogha mill-Buon Pastur, jekk kienx jafha qabel ma nafx. Naf li qalli Duminku.”*

Illi dwar Duminku Chetcuti tghid: *“Duminku Chetcuti kien mizzewweg u baqa’ hekk anki waqt li bdejt nohrog mieghu. Illum ma nafx jekk ghadux jew le… Meta Duminku kien johrog mieghi kien qed johrog ukoll ma’ Polly Fenech u kellu l-mara wkoll. Ghall-bidu Duminku kien ighidli li Polly qieghda mieghu bhala ‘nurse’ tal-mara tieghu. Wara li Duminku kien ammetta li kien qed ikollu relazzjoni ma’ Polly Fenech flimkien mieghi. Jiena domt ma’ Duminku ghal xi madwar sena. Imbaghad morna l-Qorti fuq il-paternita’ tat-tifel. Jiena domt f’relazzjoni ma’ Duminku ghal xi 5 snin.”*

Illi dwar iz-zwieg tal-partijiet hija tghid li s-separazzjoni bdiet xi 4 xhur wara li zzewgu. Huma ffirmaw il-kuntratt ta’ separazzjoni fl-14 ta’ Dicembru 1976. Tixhed:-

*“Duminku kien induna li kont qed nissepara ghaliex ra l-kawza tieghi l-Qorti. Qabel iz-zwieg ma kontx narah lil Duminku u lanqas wara hlief tlett snin wara li nfridna. Lanqas waqt il-kawza ta’ separazzjoni ma kontx narah. Ma nafx kif kien fittex il-file tieghi meta dak iz-zmien ma kontx nafu. Huwa qalli li kien fittex il-file tieghi wara li bdejt ir-relazzjoni mieghu.”*

Illi fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2003, mizmuma quddiem l-Imhallef Supplenti Dottor Victor Borg Grech, xehdet Polly Fenech. Hija tghid li taf lill-partijiet ghaliex kienu jigu

ghand Duminku Chetcuti u l-mara tieghu. Ix-xhud ilha ma' Duminku Chetcuti madwar tletin sena. Hija kienet toqghod mieghu u martu bhala familja. Tixhed li l-partijiet kienu jigu ghand Duminku Chetcuti meta kienu gharajjes. Il-konvenuta kienet saret tafu meta huwa kien mar ghand ommha bhala marixall tal-Qorti sabiex jaghmel zgumbrament. Tghid li l-konvenuta kienet tigi ghand Duminku Chetcuti kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg. Il-kovenuta riedet li huwa joqghod xhud fit-tieg taghha. Tghid: "*Hu kien se jaccetta, pero` jien ghidtlu "jekk toqghod jien nitlaq.*" Tghid li wara li l-konvenuta zzewget hi nfirdet minn mal-attur u marret toqghod ma' Duminku li telaq mid-dar. Tixhed: *"Qabel ma l-konvenuta zzewget jien qatt ma rajtha labranzetta ma' Duminku. Pero` jien kont mort ghand il-Kapillan u ghidtlu li z-zwieg ma kienx se jsir sew ghaliex ga kont rajt xi kunfidenzi. Dak iz-zmien il-konvenuta kellha xi erbghatx il-sena. Hi u ohtha kienu jigu u joqghodu jitkellmu ma' Duminku."* Ix-xhud tghid li saret taf li l-partijiet infirdu ghaliex qalilha Duminku Chetcuti.

Illi fil-kontro-ezami x-xhud tghid li meta l-konvenuta u ohtha kienu jigu d-dar hija u l-mara ta' Duminku kienu prezenti. Il-konvenuta gieli cemplet lil Duminku u huwa kien jaghmel mossi u atteggjament li kien juri li ma riedtx li jinstema. Il-kovenuta gieli cemplet lil Duminku anke qabel ma zzewget. Tghid li hija qatt ma kellha relazzjoni ma' Duminku.

**(II) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha*

*impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi ghalhekk l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta' l-istess **artikolu 19 (1) (d)** il-Qorti trid tara jekk qabel iz-zwieg il-partijiet ikkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in "*l'immaturite" et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.*

***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu***

***19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar millobbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"consortium vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the*

*understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe`:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

## <u>(III) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li meta l-partijiet bdew ir-relazzjoni taghhom l-attur kellu hmistax-il sena, filwaqt li l-konvenuta kellha tlettax-il sena. Wara xi zmien huma infirdu ghal sentejn. Iz-zwieg sehh meta l-attur kellu ghoxrin sena u l-konvenuta kellha dsatax-il sena. L-attur jghid li: *"Infatti l-konvenuta ghamlet id-data taz-zwieg u hija kienet gennitni sabiex nizzewgu. Jien m'accettajtx mal-ewwel u hija qaltli kemm-il darba. Lanqas post ma*

*kellna fejn noghqodu. Jiena accettajt li nizzewweg wara xi tlett darbiet li staqsieni."*

Illi l-partijiet kienu gja infirdu *de facto* wara erba' xhur mizzewgin. Il-konvenuta telqet mid-dar f' Dicembru 1974. Huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-14 ta' Dicembru 1976. L-attur jghid li l-konvenuta xi xahrejn wara zwieg kienet bdiet tibki u qaltlu li hija *"kienet mieghi bil-fors u li kienu gaghluha tizzewweg minghajr ma qaltli minn kien gaghlha u qaltli wkoll illi l-ewwel tarbija ma kinitx ser tkun tieghi."* Illi pero' l-konvenuta cahdet din l-allegazjoni waqt ix-xhieda taghha.

Illi l-attur jghid li qabel iz-zwieg huma qatt ma kellhom relazzjoni intima ma' xulxin. Wara zwieg kien hemm okkazzjoni wahda meta kellhom relazzjoni sesswali flimkien. L-attur jghid li l-konvenuta qatt ma' kienet thallih. Din ukoll hija kontradetta mill-konvenuta li tghid li huma kellhom x'jaqsmu regolarment tul l-erba' xhur ta' zwieg, hlief fl-ahhar meta saret taf li l-attur kien qed johrog m'ohtha Guza.

Illi xi gimghatejn wara z-zwieg taghhom il-konvenuta kienet stiednet lil ohtha, Guza sabiex tigi tghix maghhom. Ghalkemm l-attur kien oppona Guza xorta wahda giet tghix maghhom u baqghet hemm sa Dicembru 1974, meta fil-fatt kienet keccieta l-konvenuta ghaliex saret taf li ohtha kellha relazzjoni mal-attur. L-attur jghid li hafna drabi meta kien jasal d-dar wara x-xoghol il-konvenuta ma kinitx tkun hemm. Lanqas ikel ma kienet tippreparalu. Meta hija tirritorna kienet tghid li marret ghand ommha.

Illi xi zmien wara li telqet mid-dar il-konvenuta kellha tarbija jisimha Maria. It-tarbija twieldet fl-4 ta' Settembru 1975. L-attur kien sar jaf bit-tarbija li twieldet permezz ta' l-avukat tieghu Dr.Joseph Galea Debono. L-attur esebixxa l-kuntratt tas-separazzjoni sabiex juri r-rinunzja tal-konvenuta ghall-manteniment u dwar nuqqas ta' stipulazzjoni t'access tat-tifla u manteniment. Fil-fatt lanqas biss imsemmija t-tifla fir-rigward ta' drittijiet tieghu. Din it-tifla qatt ma ra hlief ghal darba xi sentejn ilu gewwa c-cimiterju.

Illi l-attur jghid li wara z-zwieg kien sar jaf minghand oht il-konvenuta, Guza li l-konvenuta kienet tqila ftit qabel ma bdiet tohrog mal-attur. Il-konvenuta kien ser ikollha tarbija ta' certu Edward izda hija kienet korriet. Huwa kien ammetta li huwa kellu relazzjoni sesswali ma' oht il-konvenuta, Guza ghal jumejn u dana xi xaghrejn wara iz-zwieg.

L-attur jghid li wara li l-partijiet kienu infirdu kienet giet tkellmu Polly Fenech u jghid: *"Hija qaltli ukoll illi kienet giet tinfurmani illi waqt l-eghrusija tieghi mal-konvenuta, B kellha relazzjoni ma' dan Dominku Chetcuti. Hija nfurmatni wkoll illi meta kienet saret taf dwar il-fatt illi B kienet ser tizzewwigni hija marret ghand il-Kappillan ta' Hal Safi sabiex tavzah dwar dan. Hija kienet qaltli illi l-konvenuta kienet sahansitra riedet tqieghed lil Dominku Chetcuti bhala xhud pero' hija kienet ghamlet minn kollox biex tevita dan."* Il-konvenuta tghid: *"Jien rajt lil Domenic l-ewwel darba meta gie ghand ommi bil-mandat u dana kien qabel iz-zwieg. Jien kellimni l-ewwel darba biss cioe' meta gie bil-mandat ghand ommi. Qabel iz-zwieg jien qatt ma kellimtu hlief f'dik il-gimgha. Mhux jiena ghidtlu sabiex joghqod xhud taz-zwieg tieghi. Ommi kienet qaltlu. Ommi lanqas ma kienet tafu lil dan il-Marixxal Domenic. Kien gie biss id-dar bil-mandat u staqsietu joghqod xhud taz-zwieg tieghi."* Il-konvenuta tghid li hija bdiet relazzjoni ma' Duminku Chetcuti tlett snin wara li infirdet minn mal-attur.

Illi x-xhud Polly Fenech tikkorrobora x-xhieda tal-attur u tghid hekk: *"Qabel ma l-konvenuta zzewget jien qatt ma rajtha labranzetta ma' Duminku. Pero` jien kont mort ghand il-Kappillan u ghidtlu li z-zwieg ma kienx se jsir sew ghaliex ga kont rajt xi kunfidenzi. Dak iz-zmien il-konvenuta kellha xi erbghatx il-sena. Hi u ohtha kienu jigu u joqghodu jitkellmu ma' Duminku."* Tghid li meta l-konvenuta telqet lill-attur hija marret tghix ma' Duminku Chetcuti.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet u ser tibda tezamina in-nullita` ta' dan iz-zwieg fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 19(1)(d)** u minn dak kollu li nghad

jidher car li llum huwa *ormai* pacifiku li l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak semplici rikjest fil-kuntratti in generali. Il-partijiet ghandhom mhux biss ikollhom il-kapacita` li jaghtu l-kunsens, izda rrid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti.

Illi fid-dawl tal-principji kollha fuq stabiliti jirrizulta li l-kunsens ta' zewg partijiet fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u jikkrejjaw familja ma kinitx qabel tezisti. Dan jehtieg maturita` ta' hsieb fejn wiehed jaghraf l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet li tinvolvi l-hajja ta' zwieg. Illli din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mil-perit legali li f'dan il-kaz il-partijiet ma kellhomx konoxxenza u ma kienux kapaci jirriflettu u jwettqu d-drittijiet, d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga li kienu dehlin fiha, fosthom li josservaw l-obbligu ta' fedelta` u dan anke billi jkollhom fiducja mhux biss fihom infishom izda fiduzja u mhabba lejn xulxin, b'mod li kellhom jinpenjaw ruhhom ghal xulxin ghall-permanenza tal-hajja kollha taghhom, b'mod li kellhom l-obbligu li jpoggu fuq kollox u qabel kollox il-*benessere* tal-parti l-ohra fil-kuntest tan-nukleu ta' familja.

Illli dan kien fil-fatt ghal kollox mankanti minn kull parti f'din il-kawza u fil-fatt l-istess perit legali tghid li l-partijiet mhux biss ma kellhomx il-kapacita` li jaghtu l-kunsens, izda l-kunsens li taw ma inghatax b' mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Dan ghaliex il-kontendenti kienu ghadhom ta' eta` zghira. L-attur jghid li l-konvenuta gennitu sabiex jizzewgu u li l-konvenuta qaltlu li kienet imgeghla tizzewweg. Fil-fatt iz-zwieg dam biss erba' xhur. F' dan il-perjodu tant qasir, l-attur jghid li darba biss kellhom relazzjoni sesswali mentri l-konvenuta tghid li r-relazzjoni intima taghhom kienet normali. Fl-opinjoni tal-Qorti huwa difficili li tghid li r-relazzjoni intima taghhom kienet normali meta damet biss erba' xhur! Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-infedelta` tal-attur wara biss erba' xhur ta' zwieg tirrefletti fuq l-ghoti tal-kunsens matrimonjali billi tidher prodotta mill-interazzjoni ta' diversi elementi insoliti li kkumbinaw f' dan iz-zwieg b'mod partikolari l-iskarzezza ta' rapporti intimi u d-decizzjoni stramba u

nspjegabbli tal-konvenuta li tintroduci lil ohtha bhala residenti fid-dar taz-zwieg. Jidher fil-fatt li lanqas f'dan il-perjodu ma kien hemm nukleju ta' familja ghaliex il-konvenuta ma tantx kienet tkun id-dar u hemm dubji kbar fil-fatt jekk il-partijiet f'xi mument qattx fehmu ghaliex kienu izzewgu u ghaliex kienu flimkien.

Illi jinghad ukoll li din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali dwar l-apprezzament tal-provi mressqa fejn jidher li ma tistax tinghta affidabilita` lil dak li tghid il-konvenuta u dana minhabba li l-verzjoni taghha, almenu fuq ir-relazzjoni li kellha ma' Duminku Chetcuti giet kontradetta mill-attur u mix-xhieda ta' Polly Fenech. Minn ezami tac-cirkostanzi kollha antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghaz-zwieg, jidher li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta kienet qed teskludi elementi essenzjali ghaz-zwieg li jikkonsistu fil-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied.  Il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenuta kienet qed teskludi b'att pozittiv tal-intenzjoni taghha l-element ta' fedelta'.  Hija kellha relazzjoni ta' certa "kunfidenzi" ma' Duminku Chetcuti qabel iz-zwieg u wara erba' xhur ta' zwieg hija marret tghix mieghu, b'mod li hija ma setghatx tikkommetti ruhha b' mod serju u responsabbli ghall-obbligi matrimonjali li kienet qed tassumi. Din il-Qorti thoss li l-istess jista' jinghad ghall-attur li ma' l-ewwel okkazzjoni li kellu kien infidil lejn martu u jidher ghalhekk li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz issib li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss inkwantu huma b' xi mod inkompatibbli ma' dan hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Settembru 1974, fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Safi u dan *stante* li l-kunsens ta' kull parti kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------